MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2006

Appell Civili Numru. 92/2006/1

**Fl-atti ta' l-appell tas-socjeta` Zeturf Limited (C 35469)**
**tal-10**
**ta' April 2006 mid-digriet tal-Prim Awla tal-Qorti Civili**
**tas-16 ta' Marzu 2006 fl-ismijiet:**

**GIE Pari Mutuel Urbain (PMU) socjeta` estera**
**(Numru ta' Registrazzjoni 775 671 258 fir-Registru tal-**
**Kummerc u**
**Kumpaniji ta' Parigi, Franza)**

**v.**

**Zeturf Limited (C 35469)**

**Il-Qorti:**

**1.** Dan hu provvediment limitat ghar-rikors tas-socjeta` Zeturf Limited tas-27 ta' April 2006 li permezz tieghu talbet li din il-Qorti joghgobha "tordna s-sospensjoni tal-proceduri ghall-enfurzar tas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell ta' Parigi, Franza tal-4 ta' Jannar 2006 fil-kawza fl-ismijiet *GIE Pari Mutuel Urbain v. Zeturf Ltd. et* (Numru 05/15773) u dana minghajr pregudizzju ghall-proceduri precitati pendenti quddiem dina l-Onorabbli Qorti kontra l-enfurzar ta' din is-sentenza."

**2.** Bid-digriet tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tas-16 ta' Marzu 2006, dik il-Qorti laqghet it-talba ta' GIE Pari Mutuel Urbain u ddikjarat "li d-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell ta' Parigi, Franza moghtija fl-4 ta' Jannar 2006 [hawn aktar 'l fuq indikata] ghandha tigi infurzata kontra s-socjeta` intimata *ai termini* tar-Regolamenti 44/2001", u ordnat in-notifika ta' l-istess digriet lis-socjeta` intimata skond l-istess regolamenti.

**3.** Minn dan id-digriet saru zewg appelli. L-ewwel appell li gie intavolat fis-7 ta' April 2006 kien dak ta' l-Awtorita` Dwar Lotteriji u Loghob, liema rikors gie intavolat fil-vesti minn dik l-awtorita` assunta ta' "terz interessat". Fl-10 ta' April 2006 gie imbaghad introdott l-appell tas-socjeta` Zeturf Limited.

**4.** Issa, it-talba kontenuta fir-rikors tas-27 ta' April 2006 kienet marbuta ma' l-Artikolu 46 tal-*Council Regulation* 44/2001, tant hu hekk li l-istess socjeta` appellanti emfasizzat il-kuncett ta' "ordinary appeal" b'referenza ghall-appell minnha interpost quddiem il-*Cour de Cassation*.

**5.** Permezz tan-nota ta' osservazzjonijiet tat-2 ta' Gunju 2006, is-socjeta` Zeturf Limited ghamlet is-segwenti dikjarazzjoni:

**"L-esponenti taghmilha cara li in kwantu t-talba ta' l-esponent tista' tigi mifhuma bhala talba biex jigu sospizi il-proceduri ta' dan l-appell dan ma kienx l-**

**ghan taghhom meta huma intavolaw ir-rikors ghas-sospensjoni, u ghalhekk huma waqt li jzommu ferm it-talba taghhom ghas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tas-sentenza qeghdin formalment jirrinunzjaw ghal kull talba ghas-sospensjoni tas-smiegh ta' l-Appell taghhom (Nru 92/06) mid-decizjoni tal-Prim Awla dwar l-enfurzar ta' l-imsemmija sentenza billi huma jixtiequ li l-esegwibbilita` f'Malta ta' dik is-sentenza tigi trattata u deciza fi zmien qasir biex jigi limitat id-dannu ghal liema jigu huma esposti."**

**6.** Fil-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti, meta l-Artikolu 46 tar-Regolamenti in kwistjoni jitkellem dwar "stay [of] the proceedings", dan neccessarjament qed jirreferi biss ghall-proceduri li jkunu pendenti quddiem din il-Qorti, jigifieri dawn il-proceduri ta' appell. Din l-interpretazzjoni hi sorretta bid-dicitura kwazi identika wzata fl-Artikolu 37 ta' l-istess Regolamenti.

**7.** Konsegwentement, bl-irtirar tat-talba kif hawn aktar 'l fuq imfisser, u cioe` bid-dikjarazzjoni kif maghmula mis-socjeta` Zeturf Limited fin-nota taghha tat-2 ta' Gunju 2006, din il-Qorti ma ghandha xejn aktar x'tiddeciedi fir-rigward tar-rikors tas-27 ta' April 2006 taht l-Artikolu 46 invokat, u ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dak ir-rikors. Spejjez, jekk hemm, riservati.

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------